**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Rikors Nru. 282/2015 MV**

**North Services Ltd (C18689)**

**vs**

**Barry Mahon [Passaport Irlandiz numru 707703827]**

**Illum, 28 ta' Settembru 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors permezz ta' liema is-socjetà rikorrenti North Services Ltd talbet lill-intimat Barry Mahon:

> *Thallas lis-socjetà attrici is-somma ta' hamest elef mitejn tmienja u erbghin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€5,248.84) rapprezentanti il-bilanc tal-konsum tad-dawl, ilma u l-hsarat li saru fil-fond 48 Triq Ghajn Zejtuna Mellieha meta dan kien mikri lilek u l-ispejjez ghar-riparazzjoni tal-vettura numru*

*Bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv u l-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi minkejja li l-intimat kien debitament notifikat, l-intimat naqas li jidher quddiem il-Qorti, kif ukoll naqas milli jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, u ghalhekk jinsab kontumaci.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat illi fis-seduta tas-27 t'April 2016, gew prezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni tal-intimat.

Rat u qieset ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda talba mis-socjetà rikorrenti ghall-hlas ghal diversi servizzi li nghataw lill-intimat.

Illi l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors odjern bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni kif jirrizulta mill-atti a folio 9 sa folio 13 tal-process.

Illi l-intimat naqas li jidher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talbiet tas-socjetà rikorrenti u naqas ukoll li jintavola risposta ghar-rikors promotur.

Illi l-intimat naqas ukoll illi jikkontesta l-kapitoli.

Illi ghalhekk l-intimat baqa' inadempjenti fl-obbligi tieghu.

Illi stante li ma kkontestax it-talba tas-socjetà rikorrenti, l-intimat huwa kontumaci.

Illi mill-provi prodotti mis-socjetà rikorrenti t-talbiet tas-socjetà rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghaldaqstant, it-talba tas-socjetà rikorrenti timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tas-socjetà rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' hamest elef mitejn tmienja u erbghin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€5,248.84) rapprezentanti l-bilanc tal-konsum tad-dawl, ilma u l-hsarat li saru fil-fond numru 48, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha meta dan kien mikri lill-intimat u l-ispejjez ghar-riparazzjoni tal-vettura Land Rover Freelander, bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-intimat, u bl-ispejjez tal-prezenti proceduri a karigu tal-intimat.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur